# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

**Seduta ta' nhar il-25 ta' April 2022**

**Rikors Numru : 390/2021 JPG**

**Kawza Numru : 23**

**MZ**

**Vs**

**RZ**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ta' MZ datat 2 ta' Settembru 2021, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

1. *Illi l-partijiet izzewwgu nhar l-20 ta' Settembru 1986 gewwa l-Knisja Parrokjali ta' San Guzepp l-Imsida u dan kif inhu evidenzjat mic-certifikat taz-zwieg taghhom bin-numru ta' registrazzjoni 1714/1986 hawn anness u mmarkat bhala Dok 1;*

2. *Illi l-partijiet xoljew u illikwidaw il-kommunjoni tal-akkwisti bejniethom u effettwaw is-separazzjoni personali permezz ta' sentenza tal-Qorti Civli Prim'Awla fis-16 ta' Dicembru 1998 (Cit nru 215/94 FD) hawn anness u mmarkat bhala Dok 2;*

3. *Illi minn dan iz-wieg taghhom il-partijiet ghandhom tifla komuni bl-isem ta' K li illum hija maggorenni u ghandha l-istat taghha;*

4. *Illi l-partijiet ilhom de facto separati ghal aktar minn erba (4) snin fil-fatt ilhom*

*separati xi sebgha u ghoxrin (27) sena;*

5. *Illi ma hemm ebda prospett ragonevoli ghar-rikonciljazzjoni bejniethom stante illi illum ghandhom hajja totalment separata minn xulxin u jghixu f'abitazzjonijiet differenti;*

6. *Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghal-ksib ta' divorzju skond l-artikolu 66B tal-Kodici Civili tal-Ligijiet ta' Malta;*

*Ghaldaqstant, ir-rikorrent, umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:*

1. *Tippronunzja d-divorzju ossia x-xoljiment taz-zwieg bejn il-partijiet;*

2. *Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.*

*Bl-ispejjes kontra l-istess intimata.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat in-nota ta' RZ, datata 3 ta' Frar 2022, a fol 28, li permezz taghha ddikjarat illi ma ghandhiex oggezzjoni ghad-divorzju u uriet ix-xewqa li tirreverti ghal kunjom xbubitha, u cioe 'A';

Rat illi l-attur ddikjara seduta stante illi ma kellhux aktar provi x'jipproduci; (vide fol 32A );

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat:**

**MZ xehed** (vide fol 32B) illi l-kontendenti zzewgu nhar l-20 ta' Settembru 1986 u li minn dan iz-zwieg twieldet tifla. Sostna illi filfatt dan iz-zwieg ma rnexxiex u l-kontendenti sseparaw legalment permezz ta' sentenza tal-Qorti Civili datata 16 ta' Dicembru 1998 (vide Dok 2). Ikkonferma illi ma hemm ebda prospett ragjonevoli ghal rikonciljazzjoni lanqas ma hemm arretrati ta manteniment.

**RZ** infurmat lill-Qorti li hija tixtieq tirriverti ghal kunjom xbubitha, u cioe 'Agius'.

**Ikkonsidrat:**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

> ***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza.***
>
> ***(… omissis)***
>
> ***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***
>
> ***(a) fil-każ li t-talba tkun qed issir miż-żewġ konjuġi flimkien, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sitt xhur mis-sena preċedenti:***
>
> ***Iżda fejn it-talba tkun qed issir minn konjuġi minnhom kontra l-ieħor, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sena mis-sentejn preċedenti; jew***

***(b) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu separati b'kuntratt jew b'sentenza tal-qorti; u***

***(ċ) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***

***(d) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ- ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***

***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment:***

***Iżda wkoll għall-fini ta' dan il-paragrafu, l-manteniment ordnat mill-qorti b'sentenza ta' separazzjoni jew miftiehem bejn il-miżżewġin f'kuntratt ta' separazzjoni għandu jiġi meqjus bħala manteniment adegwat:***

***Iżda wkoll id-divorzju ppronunzjat bejn persuni miżżewġin li kienu separati b'kuntratt jew b'sentenza ma jġib ebda bidla f'dak ordnat jew miftiehem bejniethom, ħlief għall-effetti tad-divorzju li joħorġu mil-liġi.***

**Ikkonsidrat:**

Il-kontendenti kkonfermaw bil-gurament li huma kienu zzewgu nhar l-20 ta' Settembru 1986, liema zwieg igib c-certifikat numru 1714/1986 (Vide certifikat taz-zwieg fol 16). Minn dan iz-zwieg twieldet tifla, illum maggorenni.

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' sentenza moghtija mill-Qorti Civili Prim'Awla, nhar is-16 ta' Dicembru 1998, mill-Onor. Imhallef Franco Depasquale (Vide sentenza fol 4) Ghalhekk jirrizulta illi l-kontendenti ilhom separati ghal terminu ta' zmien li jeccedi dak rikjest mill-ligi.

Jirriżulta ukoll illi ma hemmx pendenzi ta' manteniment.

Il-Qorti tqis inoltre li ma hemm ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Di pu, il-Qorti rat ix-xewqa tal-intimata sabiex tirreverti ghal kunjom xbubitha, u cioe 'A';

Ghalhekk jirrizulta illi r-rikorrenti irnexxielu jissodisfa r-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet, liema zwieg jgib certifikat numru 1714/1986 u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien moghti mil-Ligi, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku. Di piu', tawtorizza lill-intimata sabiex tirreverti ghal kunjom xbubitha u cioe 'A' u tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jiehu l-azzjoni mehtiega.**

**Il-Qorti tordna li l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**